**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Joseph Cachia *noe et*

*versus*

Pawlu Zammit *noe et*

***Bulk Buying*** **- Sistema ta' - Profitti - Distribuzzjoni ta'**

*L-atturi aġixxew biex tiġi ddeterminata l-kwota tagħhom u l-ammont spettanti lilhom mill-parteċipazzjoni u profitti minn bejgħ ta' frott bis-sistema tal* **bulk buying**.

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi min għażel li jkompli jaħdem f'din is-sitwazzjoni fluwida mingħajr ebda rabta kontrattwali jew regolament impost mill-awtorità, għamel hekk riskju tiegħu. Ċertament ma jistax f'sitwazzjoni ta' din ix-xorta jirreklama ġudizzjarjament l-applikazzjoni ta' sistema ta' parteċipazzjoni ta' profitt li kienet diġà ikkontestata u li dwarha ma kienx hemm qbil. Giet għalhekk ikkonfermata l-kwota stabbilita mill-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Fis-sena 1983, l-atturi *nomine* in rappreżentanza ta' soċjetajiet importaturi tal-frott frisk aġixxew kontra l-konvenuti *nomine* ukoll importaturi ta' merkanzija ta' l-istess ġeneru b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:

"L-atturi *nomine* ppremettew illi s-soċjetajiet u ditti kontendenti jinnegozjaw fl-importazzjoni u bejgħ ta' frottijiet, fost ħwejjeġ oħra;

Illi kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża f'Settembru 1979, bdiet topera sistema ta' *bulk buying* ta' banana, lariġ u frottijiet oħra u dawn bdew jiġu importati f'isem id-Dipartiment tal-Kummerċ fuq rakkomandazzjonijiet ta' Bord maħtur apposta;

Illi meta l-frott beda jasal Malta beda jinħadem u jinbiegħ fil-każ tal-banana biss mit-tliet konvenuti Pawlu Zammit *nomine*, Dottor Antoine Cachia *nomine* u Frank Borg in rappreżentanza tas-soċjetà Miff Limited u fil-każ tal-lariġ mill-kontendenti kollha;

Illi r-rikavat mill-bejgh tal-banana hekk importata sat-30 ta' Settembru, 1982, inżamm mit-tliet konvenuti Zammit *nomine*, Cachia *nomine* u Borg *nomine* fuq imsemmija;

Illi r-rikavat mill-bejgh tal-laring sat-30 ta' Settembru, 1982, ġie ddepożitat f'kont komuni ġol-Mid-Med Bank, Customs Branch, Valletta;

Illi mill-1 ta' Ottubru, 1982, intlahaq ftehim li l-kontendenti kollha jippartecipaw ugwalment mir-rikavat u mill-profitti derivanti mill-bejgh tal-banana u tal-laring b'effett minn dik id-data 'il quddiem;

Illi ma seta' qatt jintlahaq ftehim bejn il-kontendenti dwar il-qasma tar-rikavat u qligh mill-bejgh tal-banana u laring hekk importati u mahduma bejn Settembru, 1979, u t-30 ta' Settembru, 1982, u dana minkejja li, skond id-direttiva Dipartimentali tad-Dipartiment tal-Kummerċ, kellhom jippartecipaw il-kontendenti kollha fil-bejgh tal-banana u laring matul l-istess perijodu, u meta ġew ikkonsenjati d-dokumenti biex tinhadem il-merkanzija lill-uhud mill-konvenuti mid-Dipartiment tal-Kummerċ, dawn ġew hekk lilhom ikkonsenjati anke fl-interess tal-parteċipanti kollha fl-iskema ta' l-importazzjoni tal-frottijiet; kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi l-atturi *nomine* ghandhom interess li tiġi stabbilita u ddeterminata l-kwota tal-parteċipazzjoni taghhom u tal-kontendenti kollha kemm fl-operazzjoni tal-bejgh tal-banana kif ukoll dik tal-bejgh tal-laring u l-kwota taghhom ta' profitti mill-istess ghall-perijodu minn Settembru, 1979, sat-30 ta' Settembru, 1982;

Talbu li ghar-raġunijiet premessi:

Din il-Qorti taqta' u tiddeċidi bi x'għandha tkun il-kwota ta' kull wieħed mill-kontendenti fil-parteċipazzjoni fil-bejgħ u fit-profitti derivanti mill-bejgħ tal-banana taħt il-*bulk buying scheme* minn Settembru, 1979, sat-30 ta' Settembru, 1982;

Ukoll din il-Qorti taqta' u tiddeċidi bi x'għandha tkun il-*kwota ta' kull wieħed mill-kontendenti fil-parteċipazzjoni* fil-bejgħ u fil-profitti derivanti mill-bejgħ tal-larinġ taħt il-*bulk buying scheme* minn Settembru, 1979, sat-30 ta' Settembru, 1982;

Salv kull azzjoni susseġwenti għar-reża konti u għall-qsim u likwidazzjoni ta' l-ishma relattivi u kull azzjoni oħra għad-danni spettanti lill-atturi *nomine*";

Ingħataw mid-diversi konvenuti s-segwenti eċċezzjonijiet:

Frank Borg bħala direttur u in rappreżentanza tas-soċjetà Frank P. Borg Limited li biha eċċepixxa:

"Illi d-domandi ta' l-atturi għandhom jiġu miċħuda peress illi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt għar-rigward tal-qsim tal-profitt derivanti mid-distribuzzjoni tal-frott tal-larinġ, tuffieħ u lanġas basta dana jsir f'manjiera legali u ġusta;

Frank Borg bħala direttur u in rappreżentanza tas-soċjetà Miff Limited li biha eċċepixxa:

"Illi d-domandi ta' l-atturi għandhom jiġu miċħuda peress illi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt għar-rigward tal-qsim tal-profitt derivat mid-distribuzjoni tal-banana, peress illi l-atturi m'għandhom ebda dritt dwar dan; iżda m'għandhom ebda oġġezzjoni għat-talba ta' l-atturi għar-rigward tal-qsim tal-

profitti derivanti mid-distribuzzjoni tal-frott tal-laring, tuffieh u lanġas basta dana jsir f'manjiera legali u ġusta;

John Curmi u Joseph Curmi f'isimhom proprju u għad-ditta John u Joseph Curmi li biha eċċepew:

"Illi huma jaqblu mad-domandi attriċi u jissottomettu bir-rispett illi kull parti f'din il-kawża għandha tieħu dak lilha riżultanti u spettanti mill-parteċipazzjoni fil-bejgħ tal-banana u tal-laring, wara li jsiru l-konteġġi u verifiki neċessarji;

Peter Paul Mallia bħala Direttur u in rappreżentanza tas-soċjetà Antonio Mallia & Sons Limited ġà ditta A. Mallia & Sons li biha eċċepixxa:

"Illi l-eċċipjent ma jopponix illi dina l-Qorti tiddeċidi x'għandha tkun il-kwota ta' kull wieħed mill-kontendenti fil-*parteċipazzjoni fil-bejgħ u fil-profitt derivanti mill-bejgħ tal-*banana taħt il-*Bulk Buying Scheme* minn Settembru 1979 sat-30 ta' Settembru 1982 għax hu minn dejjem xtaq li dan jiġi stabbilit definittivament;

Illi lanqas jopponi għat-tieni domanda ta' l-atturi kif proposta u mitluba salv li jsiru l-kontijiet skond il-liġi u possibbilment minn periti *nominandi*";

Angelo Joseph Said in rappreżentanza tas-soċjetà Joseph Said Limited li biha eċċepixxa:

"L-eċċipjent qatt ma kien kuntrarju li jintlaħaq ftehim dwar il-kwoti ta' parteċipazzjoni;

L-eċċipjent għalhekk jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din

il-Qorti dwar dawn il-kwoti";

Joseph Pace bħala stralċjarju u in rappreżentanza tad-ditta Pace & Loporto li biha eċċepixxa:

"Illi huwa jaqbel illi l-qligħ kollu mill-bejgħ tal-banana u laring jiġi llikwidat u diviż bejn il-kontendenti kollha skond il-liġi, salv il-verifika tal-kontijiet u konsistenza ta' l-ammonti in kwistjoni";

Pawlu Zammit bħala Direttur u in rappreżentanza tas-soċjetà Paul Zammit Limited ġà ditta Pawlu Zammit li biha eċċepixxa:

"Illi rigward l-importazzjoni tal-banana ma jirriżulta xejn, la minn ebda liġi u lanqas minn ebda kuntratt, li jagħti kwalunkwe dritt lill-atturi *nomine* li jipparteċipaw fil-profitti, jekk kien hemm, mill-finanzjament u distribuzzjoni tal-banana mill-esponenti bejn Settembru, 1979, u Settembru, 1982, fejn dina għamilha l-esponenti;

Illi rigward il-laring, kull parti f'din il-kawża għamel sehmu fix-xogħol neċessarju u l-ebda parti ma ħareġ flus iżjed mill-oħrajn, għalhekk l-esponenti jirrimetti ruħu għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fuq dina t-talba";

Dottor Antoine Cachia bħala direttur u in rappreżentanza tas-soċjetà Zammit & Cachia Limited li biha eċċepixxa:

"Illi huma dejjem ippruvaw jaslu għal ftehim dwar il-kwoti tal-parteċipazzjoni fil-bejgħ u qligħ ta' banana, laring u fl-iskema ta' mportazzjoni ta' frott ieħor però dan il-ftehim ma sarx mhux tort tagħhom imma minħabba pretensjonijiet mhux

iġġustifikati ta' x'uhud mill-kontendenti u għalhekk l-eċċipjent *nomine* m'għandux ibati spejjeż";

B'sentenza tat-12 ta' Ottubru, 1995, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża adeżivament għat-talbiet attriċi billi tilqa' l-ewwel talba u tistabbilixxi l-kwota ta' kull wieħed mill-kontendenti *fil-parteċipazzjoni fil-bejgħ u fil-profitti* derivanti mill-bejgħ tal-banana taħt il-*bulk buying scheme* minn Settembru, 1979, sat-30 ta' Settembru, 1982, kif ser jingħad, jiġifieri l-kwota tal-konvenuti: (1) Pawlu Zammit *nomine*; (2) Dottor Antoine Cachia *nomine*; u (3) Frank Borg in rappreżentanza tas-soċjetà Mlff Limited hija ta' sesta parti (1/6) kull wieħed u dik tas-seba' kontendenti l-oħra ta' waħda minn erbatax-il parti (1/14) kull wieħed; tilqa' ukoll it-tieni talba rigwardanti l-larġin u tiddeċidi li l-kwota ta' kull wieħed mill-kontendenti hija deċima parti (1/10);

L-ispejjeż kellhom jiġu ssopportati ugwalment bejn l-għaxar kontendenti;

Din il-Qorti tqis utili li tirriproduċi l-motivazzjoni tas-sentenza appellata anke jekk *ta' ċertu tul għaliex din* korrettement tesponi l-fatti meritu tal-kawża u l-isfond storiku li taw lok għalliha. Tirrifletti sewwa t-tħaddim tas-sistema tal-*bulk buying*, illum separati anke fir-rigward tal-prodotti partikolari li fuqhom hemm il-kontestazzjoni permezz taċ-ċitazzjonijiet, *inter alia*, mix-xhieda ta' l-allura Direttur tal-Kummerċ, li dwarha ma jidhirx li hemm kuntrast ta' sustanza bejn il-kontendenti. Dik is-sentenza tagħmel osservazzjonijiet ġusti u pertinenti fuq il-punti ta' dritt involuti fil-kwistjoni;

Is-sentenza appellata ġiet hekk *immotivata*:

"Illi mill-provi prodotti jirriżulta li qabel is-sistema tal-

*Bulk Buying* ġiet introdotta l-importazzjoni tal-frott kienet issir minn dawk mill-kontendenti li kienu jingħataw liċenzja ta' importazzjoni mid-Dipartiment tal-Kummerċ. F'Settembru, 1979, il-Ministru tal-Kummerċ, l-Onorevoli Dottor Patrick Holland, kien bagħat għall-importaturi u nfurmahom li kien ser jagħmel sistema, il-kontendenti appuntaw, fuq ordni tal-Ministru, kumitat ta' ħamsa (5) li kien ingħata l-fakoltà li jiddeċidu għalihom fuq l-importazzjoni tat-tuffieħ, lanġas, larinġ u anke banana;

Jirriżulta li kienet prattika taħt is-sistema, li meta *tiġi* partita frott mingħand xi ditta li qabel kien jirrappreżentaha xi wieħed mill-10 importaturi kontendenti, il-Gvern, jew aħjar il-Bord, kien jgħaddi l-karti lil dak l-importatur biex jgħaddi l-prattiki kollha hu għan-nom ta' l-oħrajn kollha;

Il-vertenza odjerna hija biss fuq id-depożiti li ħemm mill-operazzjonijiet li saru mill-importazzjoni tal-larinġ u tal-banana għall-perijodu bejn Settembru, 1979, u Settembru, 1982. Fit-30 ta' Settembru, 1982, ġie deċiż mill-Ministru li l-għaxar kontendenti jaqsmu l-profitti ugwalment bejniethom u dan ġie aċċettat minnhom;

Għar-rigward tad-depożitu jew *fund* għax-xiri tal-banana qamet kwistjoni billi tlieta mill-konvenuti li kienu jirċievu d-dokumenti u s-seba' l-oħra billi ma kienx infetaħ *fund* f'isem l-10 kontendenti u dawn ta' l-aħħar riedu li jinfetaħ *fund* f'isem l-għaxra billi huma ukoll kienu marbutin bis-sistema;

Mhux ikkontestat mill-atturi, kif jirriżulta mill-istess premessi taċ-ċitazzjoni li kienu t-tliet konvenuti: (1) Pawlu Zammit *nomine*; (2) Dottor Antoine Cachia *nomine*; u (3) Frank Borg in rappreżentanza tas-soċjetà Miff Limited li ħadmu x-xogħol tal-banana u r-rikavat mill-bejgħ tal-banana fil-perijodu

in kwistjoni inżamm mill-imsemmijin tliet konvenuti;

Jidher li fil-każ ta' l-importazzjoni tal-lariġ kienu nvoluti l-kontedenti kollha fix-xogħol;

It-tliet konvenuti msemmija jikkontendu li s-seba' kontendenti l-oħra m'għandhomx jipparteċipaw fil-profitti tal-banana;

Jidher li l-argument prinċipali tat-tliet konvenuti msemmija huwa li l-parteċipazzjoni fil-profitti mill-importazzjoni tal-banana għandha tkun ibbażata fuq il-*past performance* jiġifieri li dawk mill-kontendenti biss li kellhom liċenzja u mportaw banana fil-perijodu ta' tliet snin qabel ma ġie ntrodott is-sistema tal-*bulk buying* għandhom jipparteċipaw fil-profitti:

Jirriżulta ċar anke mix-xhieda tal-konvenut Dottor Antoine Cachia stess li bis-sistema tal-*bulk buying* spiċċat kull relazzjoni bejn l-aġent u d-ditta fornitriċi tal-frott. L-istess konvenut xehed li fis-sajf tas-sena 1979 l-Awtoritajiet Governattivi nformaw lill-importaturi illi s-sistema ta' mportazzjoni minn importaturi privati, jiġifieri l-importazzjoni libera kienet sejra tieqaf u effettivament, f'Settembru ta' dik is-sena, bdiet is-sistema l-ġdida ta' l-importazzjoni tal-frott permezz tal-*bulk buying*. Ikompli testwalment:

"Aħna l-importaturi tal-frott konna ġejna msejħa mill-Gvern, kif ukoll importaturi ta' oġġetti oħrajn u qalulna preċiżament jiġifieri d-Direttur, jiġifieri s-Sur Joe Zammit li kien inkarigat mill-Gvern biex imexxi s-sistema tal-*Bulk Buying* kien qalilna: "Il-passat insewh. Id-ditti esteri illi kontu timportaw minn għandhom, importaturi individwali nsewhom, dawk ma għadhomx tagħkom u lanqas għandkom biss dritt li

tkellmuhom". Qalilna ukoll li kull wiehed minna kellu jghid lill-Gvern is-*suppliers* tieghu min kienu biex imbaghad lis-*suppliers* japprocjahom il-Gvern direttament f'ismu u ahna, jigifieri s-socjetà Zammit & Cachia tajna lill-Gvern l-isem tas-*suppliers* li konna ngibu l-frott minghandhom. Jiena ghandi nifhem illi l-ohrajn ghamlu l-istess, anzi nghid illi l-ohrajn ghamlu l-istess";

Ghar-rigward tal-parteċipazzjoni fil-profitti dan ix-xhud qal:

"Issa f'dan l-istadju ghandi nghid, ċjoè li f'ġeneri, ċjoè fl-importazzjoni ta' ġeneri ohra, bhalma huwa, per eżempju, *corned beef*, tonn taż-żejt eċċ, li ahna konna ukoll involuti fihom, ġie stabbilit ghall-kull importatur, kwota ossia persentaġġ ta' parteċipazzjoni skond il-*past performance* ta' l-importatur illi jkun kif ippruvat u ġew prodotti mill-importaturi;

Issa peress li dwar l-importazzjoni ta' frott ma kienx hemm qbil, ghall-bidu ma kienx hemm id-domanda ghall-ugwaljanza almenu minn kulhadd, jiġifieri almenu ma kienx hemm domanda minn kulhadd ...

Halli nispjega ruhi: fil-bidu kien hemm min ma kellux pretensjoni ta' ugwaljanza; eventwalment saret pretensjoni minn ċerti nies ta' ugwaljanza fil-parteċipazzjoni. Dan ġab il-konsegwenza illi allura l-profitti ma setghux jinqasmu, ghax min jghid haġa u min jghid ohra; *almenu konna maturi biżżejjed* illi nghidu: "mela ejjew naqsmu u mbaghad naraw x'isir wara". Ma użajniex il-kliem "imbaghad naraw x'isir wara", imma evidentement din kienet il-konklużjoni u bdejna nahdmu";

Jirriżulta mix-xhieda ta' Joseph Zammit li kien Direttur tal-Kummerċ fl-epoka rilevanti u kien il-persuna li kienet inkarigata mill-introduzzjoni tas-sistema tal-*bulk buying*, li min

ried jipparteċipa fis-sistema kellu jissottometti ċerta nformazzjoni dwar l-attivitajiet tiegħu bħala mportatur fit-tliet *snin preċedenti. Huwa żied jgħid li:*

"Fil-każ tal-frott kienu applikaw il-parteċipanti preżenti u bħalma kien sar fil-Bordijiet kollha kellha tiġi deċiża l-*persentaġġ ta' parteċipazzjoni.* Rigward *il-parteċipazzjoni fuq* Bordijiet, l-idea kienet li meta intorduċejna s-sistema tax-xiri bil-*bulk buying*, il-parteċipanti kellhom jiċħdu *share* li kellu jirriflettu l-kontribuzzjoni tagħhom - kontribuzzjoni ta' flus *meta ssir* ix-xirja. Bħala *regola ġenerali l-Bordijiet li ġew* imwaqqfa, il-persentaġġ tal-qligħ kellu jiġi kkalkolat fuq il-*past performance li* għamlu l-importaturi *fit-tliet snin preċedenti;*

Il-Gvern xtaq li l-parteċipanti jaqblu bejniethom *x'kellhom ikunu l-persentaġġi ta' parteċipazzjoni* u *tal-qligħ,* dan kellu jiġi ffissat fil-każi kollha tal-Bordijiet, dejjem kif għidt, skond il-*past performance* wara li jkunu ltaqgħu bejniethom l-importaturi;

L-uniku każ fejn ma ftehmux, kien il-każ tal-frott: tuffieħ, larinġ, lanġas u banana. Kien hemm il-problema li l-membri ma riedux, fil-każ tal-frott li jkun hemm persentaġġ l-istess għall-prodotti kollha. Kienu jirritjenu li l-persentaġġ tal-qligħ kellu jkun differenti minn frott għal frott. Per eżempju, fil-każ tat-tuffieħ u tal-larinġ, il-parteċipanti kienu differenti, waqt li fil-każ tal-larinġ kien hemm 9 parteċipanti, fil-każ tal-frott l-ieħor kien hemm 10 parteċipanti. Għalhekk kienu saru tentattivi biex jintlaħaq ftehim, fuq il-persentaġġ, imma ma waslux;

Billi d-Dipartiment ma riedx jimponi huwa, ried itihom iċ-ċans kollu li jiftehmu bejniethom x'kellu jkun il-persentaġġ tal-qligħ u billi s-sistema riedet tibda taħdem u l-frott kellu jibda jinġieb, intlaħaq ftehim li s-sistema tibda titħaddem sakemm

isibu soluzzjoni għall-parteċipazzjoni ta' kull wieħed. *Kienu* qablu li jappuntaw 5 membri minnhom biex jirrappreżentawhom fuq il-Bord li kellu jkun bord wieħed għal frott kollu;

Din is-sistema baqgħet fluwida fis-sens li d-Dipartiment ma kienx kuntent għax ma nstabx arranġament bejniethom. Però, f'Settembru/Ottubru, 1982, id-Dipartiment sab *formula li* ġiet aċċettata minnhom ilkoll u mill-1 ta' Ottubru, 1982, dik is-sistema bdiet tiffunzjona. Però d-Dipartiment ma ndaħalx fil-qsim *tal-persentaġġi ta' parteċipazzjoni għal dak il-gap ta'* sentejn meta s-sistema kienet miexja u l-Gvern kien sodisfatt ukoll;

Fil-każ ta' l-importazzjoni tal-frott bil-*bulk buying*, l-importaturi ma setgħux jaqblu x'kien il-*past performance* ta' l-importazzjoni tal-frott. Id-Dipartiment kien talabhom *records* tal-*past performance* imma huma ma kellhomx *records reliable* biżżejjed li fuqhom stajna naqblu, peress li kull wieħed minnhom beda jġib *rcords* li kienu qed jiġu kkontestati mir-*records* ta' l-ieħor. Darba laqqajnihom biex nirranġaw, imma sibna li l-figuri li ġiebulna kienu sproporzjonati u kienu aktar mill-istatistika tal-Gvern";

In kontro-eżami x-xhud spjega li l-*past performance* kellha tkun l-iżjed biex jiġi stabbilit kull importatur x'kien ser ikun il-kontribut tiegħu u mbagħad skond il-kontribut tiegħu huwa jipparteċipa fil-profitti;

"Id-Dipartiment baqa' newtrali ta' kif kellu jinqasam il-profitt u fuq il-parteċipazzjoni fl-iskema. F'dawk is-sentejn u anke llum il-kwota mhix dritt ta' l-importatur imma hija prerogattiva tad-Dipartiment tal-Kummerċ:

Hemm *agreement* li meta tasal konsenja ta' frott Malta, id-

*Director of Trade* jinforma lill-Bord u l-Bord jagħżel persuna (mill-parteċipanti) li tkun aċċettabbli għall-Bord u għall-Gvern biex jirtira d-dokumenti mid-dwana għan-nom ta' min ikun qed jirċievi l-konsenja. Meta d-Dipartiment jikkonsenja d-dokumenti lil dik il-persuna, ma jfissirx li jkun ikkonsenja dawk id-dokumenti biex dik il-persuna taħdem dik il-konsenja għaliha personali. Per eżempju, fil-każ tat-tuffieħ - mhux bħal fil-każ tal-banana - id-dokumenti daqqa jiġu kkonsenjati lill-persuna u daqqa lill-persuna oħra. *Imma fil-każ tal-banana kien hemm il-problema, għax kien hemm kontestazzjoni akbar fost il-parteċipanti dwar il-parteċipazzjoni.* U ngħid li kienet użanza li meta tidħol il-banana, kien jippreżenta ruħu dik il-persuna biex tirtira d-dokumenti li qabel ġiet introdotta s-sistema tal-*bulk buying* kienet tirrappreżenta d-ditta li minghandha tkun inxtrat dik il-kunsinna;

Għal dak li jirrigwarda l-importazzjoni tal-banana, daħlet l-użanza bejn il-parteċipanti li l-persuna li tirtira d-dokumenti meta jidħol vapur bil-banana, kienet tkun l-istess persuna, li qabel ġiet introdotta l-*bulk buying*, kienet tirrappreżenta lil dik id-ditta li minghandha kienet importata dik il-banana. Allura, *minflok li l-parteċipanti bdew jirtiraw id-dokumenti by rotation*, bdew jippreżentaw ruħhom f'dan is-sens, u billi din is-sistema ma kinitx tagħmel differenza lid-Dipartiment tat-*Trade*, aħna ħallejna din is-sistema miexja;

Nirrepeti imma li *d-dokumenti konna ntuhom sia fil-każ* tal-frott l-ieħor, kif ukoll fil-każ tal-banana lill-parteċipant wieħed, mhux għalih, imma għan-nom tal-parteċipanti eliġibbli għal dik il-kunsinna. Jiġifieri kollox kien jorbot min kien ikun il-parteċipant għax min kien jirċievi d-dokumenti kien jirċevihom għan-nom tal-parteċipanti l-oħra kollha;

Ma tistax tagħmel paragun bejn konsenja ta' tuffieħ u

konsenja ta' banana. Dan ghar-raġuni li fil-każ tat-tuffieħ billi jiġi mportat aktar ta' spiss b'konsenji relattivament iżgħar u jiġi minghand diversi ditti. Mentri fil-każ tal-banana għax din tkun konsenja kbira sew - ta' 500 tunnellata, meta jidħol vapur kien iġib konsenja mingħand ditta waħda. Jiġifieri meta jiġi vapur bil-banana ikun ġej mingħand ditta waħda;

Fl-1979 naf li kienu harġu *terms of reference - internal guide lines* li fuqhom kienet ser timxi s-sistema tal-*bulk buying* li kienu japplikaw għall-prodotti kollha. Qed niġi muri d-dokument 2 a fol. 53 tal-proċess u nikkonferma li dak id-dokument huwa kopja perfetta ta' l-*original terms of reference*. Dawn kienu ġew spjegati u ċċirkolati lill-parteċipanti kollha ta' l-oġġetti kollha nvoluti fil-*bulk buying* li kellhom ikunu l-bażi li fuqhom kellha timxi dik is-sistema;

Għall-ewwel id-dipartiment ried li l-*past performance* ta' l-aħħar 3 snin biex nippruvaw li l-parteċipanti jieħdu sehem fil-proporzjon. Fil-każ tal-banana l-parteċipanti ma qablux fuq din is-sistema u domna biex naraw kif tista' tinsab bażi ta' kif tinqasam il-parteċipazzjoni ta' min ser jieħu sehem, u domna sa l-1982 biex instabu l-bażi li kienu aċċettabbli għall-partijiet kollha. Fl-1982 sibna sistema li llum hija aċċettabbli minn kulhadd - din is-sistema hija li kull parteċipant li jipparteċipa fl-importazzjoni tal-frott kollu, ikollu 10 fil-mija;

Meta jiġi prodott minn barra, kien hemm importatur wieħed biex itella' d-dokumenti. Il-Gvern ried li jitneħħa kull *link* bejn id-ditta u l-ex-aġenti li issa kienu l-parteċipanti li aċċettaw din is-sistema;

Id-dipartiment qatt ma speċifika xi parteċipant għal xi kunsinna partikolari, imma kien iħalli f'idejn il-Bord;

Meta ghidt li d-Dipartiment kien isejjah lill-parteċipanti biex jahdem il-merkanzija, kien isejjah lil-Bord biex jibghat membru. Imma biex din is-sistema tahdem, il-Bord *eventwalment kien jibghat ghal membru partikolari skond il-kunsinna li tasal;*

Id-dipartiment ma dahalx fuq min kien sar jiffinanzja l-konsenji wahda wahda, sakemm ġew il-flus u ġew *in time*, il-Gvern ma dahalx fil-kwistjoni;

Kieku kien inqala' xi haġa mal-wasla ta' xi prodott, il-Gvern kien idur fuq il-parteċipanti kollha u kien iżommhom kollha *in solidum* responsabbli bejniethom. Imma dan il-każ ma nqalax, ghax il-bniedem li kien jiġi jiġbor id-dokumenti, dejjem hallas";

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi l-10 kontendenti ġew aċċettati mid-Dipartiment bhala parteċipanti fis-sistema tal-*bulk buying* tal-frott frisk inkluż il-larinġ u l-banana u ma ġietx stabbilita parteċipazzjoni differenti, la mid-Dipartiment tal-Kummerċ, u lanqas bi ftehim bejn il-kontendenti;

Irriżulta ukoll li l-*past performance* ma kinitx teskludi lil xi hadd mill-10 parteċipanti mir-responsabbilità tieghu *in solidum* fil-konfront tal-Gvern f'każ li, per eżempju, ma tithallasx xi konsenja ta' frott, ikun liema jkun il-frott, i.e. anke *larinġ u banana;*

Konsegwentement, ġaladarba kull wiehed mill-kontedenti kien responsabbli ebda wiehed minnhom ma ghandu jiġi eskluż mill-parteċipazzjoni fil-profitti;

Dwar il-kriterji li għandhom jiġu segwiti biex tiġi stabbilita l-kwota tal-parteċipazzjoni fil-profitti hija tal-fehma li l-*past performance* mhix rilevanti iżda huwa rilevanti x-xogħol effettivament magħmul mill-partijiet fil-perijodu in kwistjoni u mhux x'kienu jagħmlu qabel l-introduzzjoni tas-sistema tal-*bulk buying*. Il-kriterji rilevanti fil-fehma tagħha huma tnejn u ċjoè l-fatt li l-kontendenti kollha huma responsabbli u l-fatt li fil-każ tal-banana tlieta mill-kontendenti biss għamlu x-xogħol involut fil-konsenji tal-banana;

Il-provi li nġibu tax-xogħol magħmul mit-tliet parteċipanti nvoluti fil-kosenji tal-banana mhumiex suffiċjenti waħedhom biex bihom tiġi stabbilita l-kwota tal-parteċipazzjoni fil-profitti u għalhekk il-Qorti sejra tistabbilixxi l-kwota *arbitrio boni viri*. Fil-fehma tagħha, billi t-tliet konvenuti msemmija, minbarra r-responsabbilità *in solidum*, bħal parteċipanti l-oħra, għamlu ukoll ix-xogħol, huwa ġust li jipparteċipaw fil-profitti fi kwota maġġuri fil-każ tal-banana. Fil-każ tal-larinġ, ma jidhirx li hemm raġuni li l-kwota ta' parteċipazzjoni tkun differenti bejn l-10 parteċipanti billi kollha kienu nvoluti fix-xogħol tal-konsenji tal-larinġ;

Għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż, fil-fehma tagħha dawn għandhom jiġu ssopportati ugwalment bejn l-għaxar kontendenti";

Minn din is-sentenza appellat biss is-soċjetà Zammit & Cachia Limited. Il-kontendenti l-oħra kollha ssottomettew ruħhom għaliha anke, jekk f'xi każijiet, bħal fil-każ tas-soċjetà Antonio Cachia & Company Limited, dan għamluh kontra qalbhom u avolja ma qablux għal kollox mad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti jeħtiġilha allura tikkunsidra biss l-aggravju ta' din is-soċjetà;

L-aggravju f'dan l-appell jista' jiġi identifikat hekk:

L-Ewwel Qorti eskludiet il-kriterju tal-*past performance* biex tasal biex tistabbilixxi kwoti ta' parteċipazzjoni relattivi meta dan il-kriterju ma jmissu qatt ġie eskluż;

Li fis-sistema tal-*bulk buying* kull parteċipant kellu jipparteċipa bil-proporzjon relatat mal-*past performance* u li din is-sistema ġiet aċċettata fil-prodotti kollha tal-*bulk buying*. Il-fatt li xi wħud mill-kontendenti ma kkoperawx biex jipproduċu dokument biex ikun jista' jiġi stabbilit dan il-proporzjon, ma kellux iwassal biex dan il-prinċipju jiġi njorat. L-Ewwel Qorti bid-deċiżjoni tagħha "ħarġet mhux biss mill-usanza kummerċjali imma ukoll mid-direzzjoni tal-Gvern;

Kien ikun aktar ekwu li kieku l-Ewwel Qorti sabet soluzzjoni tal-kawża bi kwoti determinati *arbitrio boni viri* imma kien ikun aktar loġiku li kieku dan għamlitu wara studju tal-*past performance* u mhux fuq ix-xogħol li l-kontendenti kkontribwew għall-operazzjonijiet kummerċjali magħmula;"

L-appellant *nomine* jinsisti ukoll li hu qatt ma aċċetta l-ftehim li sar fl-1 ta' Ottubru, 1982, li kien jipprovdi li l-kontendenti jipparteċipaw ugwalment. Din kienet giljottina imposta mill-Ministru tal-Kummerċ tant li dan kien qal lill-appellant *nomine* "personalment li sejjer jieħu deċiżjoni li ma togħġobhomx";

Din il-kawża hi straxxiku ta' sistema ekonomika li kienet tirregola l-importazzjoni f'Malta ta' prodotti essenzjali f'ċertu żmien, *ex admissis* impost fuq il-komunità kummerċjali mill-Gvern tal-ġurnata skond il-politika ddikjarata tiegħu li hi naturalment insindakabbli minn dawn il-Qrati. Sistema ekonomika illum defunta u sorpassata imma li fi żmien meta

ġiet introdotta l-azzjoni fl-1983 kienet għadha fl-aqwa tagħha. Hu mportanti allura li fil-konsiderazzjonijiet tagħha din il-Qorti ma toftomx il-meritu mill-isfond storiku li hu rilevanti għall-apprezzament ta' ċerti aspetti ta' l-aggravju ta' *l-appellant*. Aggravju li finalment però il-Qorti trid tiddeċidi skond il-prinċipji legali li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti u li jrid jiġi ppruvat li ġew ikkreati jekk kellhom jissarrfu fi drittijiet u obbligi;

Minn dan għandu jkun issottolineat illi l-kontendenti huma kollha mportaturi li kienu b'xi mod interessati fl-iskema tal-*bulk buying* fir-rigward tal-laring u tal-banana. Il-Gvern fil-persuna tal-Ministru tal-Kummerċ, ma kienx u mhux parti in kawża għaliex ma kien bl-ebda mod direttament interessat la fir-relazzjonijiet interni bejn l-importaturi u lanqas fl-*ammont* li kien ġie rrikavat fi profitt mill-bejgħ tal-banana u laring importat u maħdum bejn Settembru 1979 u t-30 ta' Settembru, 1982. Wara din l-aħħar data, il-Gvern impona fuq l-importaturi kollha li dawn kellhom jipparteċipaw f'ishma ndaqs f'dawn l-operazzjonijiet u negozji. Bejn dawk iż-żewġ dati d-dokumenti fir-rigward tal-partiti tal-laring u banana li kellhom jiġu u fil-fatt ġew importati, kienu jiġu kkonsenjati lil xi wieħed mill-kontendenti in rappreżentanza ta' l-importaturi l-oħra kollha nteressati fl-iskema. Waqt li kien veru li bħala prattika dan l-importatur kien ikun dak li qabel kien jirrappreżenta d-ditta fornitriċi f'Malta, ix-xogħol kien jinħadem minn dan l-importatur f'isem kulħadd u r-rikavat iddepożitat f'kont biex jiġi eventwalment diviż wara li jkun intlaħaq ftehim dwar il-porzjonijiet dovuti lil kull wieħed mill-importaturi. Ftehim li ma ntlaħaq qatt u li n-nuqqas tiegħu pprovoka l-preżenti istanza;

L-appellant *nomine* qed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata u wkoll li jiġi deċiż: (1) dwar l-ewwel talba attriċi illi l-kwota tas-soċjetà minnu rappreżentata għandha tiġi rregolata skond il-prattika u deċiżjonijiet tad-Dipartiment tal-*bulk buying*

b'enfasi fuq il-*past performance* u ċjoè bil-parteċipazzjoni ta' l-appellant u taż-żewġ parteċipanti l-oħra ndikati fis-sentenza appellata bħala li qabel kienu jimportaw il-banana ad esklużjoni tal-kontendenti l-oħra; u (2) dwar it-tieni talba li tirrigwarda l-laring jiġi minflok deċiż illi l-kwota ta' parteċipazzjoni ta' l-appellanti tiġi stabbilita skond il-prattika u deċiżjonijiet tad-Dipartiment tal-*Bulk Buying* b'enfasi fuq il-*past performance*;

Din il-Qorti eżaminat b'attenzjoni l-provi prodotti mill-kontendenti in sostenn tat-talbiet rispettivi tagħhom u waslet għall-konklużjoni li jistgħu biss ikunu rilevanti għall-meritu dawk l-elementi li huma meħtieġa biex jiġi stabbilit x'kienet sewwa n-natura tar-relazzjoni kontrattwali - jekk din kienet verament teżisti -bejn il-kontendenti bejniethom u bejnhom u l-Ministru tal-Kummerċ qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni ta' l-1 ta' Ottubru, 1982. Deċiżjoni, kif ingħad, imposta fuq l-importaturi kollha nteressati fis-suq tal-frott frisk dak iż-żmien u kkontestata mis-soċjetà appellanti u oħrajn, imma minn dawn ukoll aċċettata u mhaddma għaliex ma setgħux jagħmlu ħaġa oħra jekk riedu li jibqgħu b'xi mod f'dan ix-xorta ta' negozju. Din id-deċiżjoni jidher li ttieħdet wara l-proposta li kienu għamlu s-soċjetajiet kontendenti - li fosthom ma hemmx naturalment inkluża dik appellanti - lill-Ministru tal-Kummerċ fid-19 ta' Jannar, 1982. Din kienet fis-sens illi: "*the participating share (in the importation of fresh fruit under the Bulk Buying System) both as regards the importation made to date and that to be made in the future will be equal amongst the participants, that is to say a tenth share to be allotted to each and every firm*". Importanti li din il-proposta kienet testendi għall-importazzjoni tal-frott frisk kollu - altura inkluż il-laring u l-banana u li dawn is-sitt soċjetajiet ippremettew bħala ġustifikazzjoni tal-proposta tagħhom il-fatt li "*since inception the system has been carried on a "pool" basis without any distinction whatsoever*";

Il-problema di fondo ta' l-appellant *nomine* hu, kif jissostanzja l-aggravju tiegħu, li jippresupponi rabta ġuridika li toriġina minn allegat użu kummerċjali jew minn rabta kontrattwali mal-kontendenti l-oħra ma' l-istess eċċezzjonijiet li biħom qed joppponi t-talbiet attriċi u li huma fis-sens li hu minn dejjem ipprova jasal fi ftehim dwar il-kwoti ta' parteċipazzjoni fil-bejgħ u l-qligħ tal-banana u l-lariń fuq l-iskema ta' mportazzjoni ta' frott iehor, però dan il-ftehim ma sarx. Ma sarx *mhux tort ta' l-appellant nomine imma, kif jallega, minħabba l-*pretensjonijiet mhux ġustifikati ta' xi uħud mill-kontendenti. Jibqa' l-fatt li ftehim ma sehhx u la ma sehhx il-ftehim, diffiċilment wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li kien hemm xi rabta kontrattwali li tistabbilixxi l-kwoti skond il-*past performance* kif qed jippretendi l-appellant *nomine* u wisq inqas jista' fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' ftehim, wieħed jippresupponi l-eżistenza ta' *użu kummerċjali li fih innifsu* jippreżumi f'xi żmien aġir minn min kien interessat li b'ċertu mod ikun skond ftehim jekk mhux espliċitu almenu impliċitu;

L-appellant *nomine* jilmenta li l-Ewwel Qorti eskludiet il-kriterju tal-*past performance* biex tasal biex tistabbilixxi l-kwoti ta' parteċipazzjoni relattivi u njorat il-massima li skond is-sistema tal-*bulk buying* kull parteċipant kellu jipparteċipa bi proporzjoni relatat għal dan il-*past performance* tiegħu. L-appellant *nomine* bħal speċi jrid jgħolli din is-suppost massima għal-livell ta' *użu kummerċjali li kienet torbot lill-kontednenti u* li din il-Qorti kellha tirrikonoxxi u tapplika. Dan però mhux il-każ. Hu ċar mill-provi prodotti illi l-kriterju tal-*past performance*, anke jekk ikun suġġerit u rakkomandat mid-Dipartiment tal-Kummerċ, ma kienx japplika f'kull settur regolat bis-sistema tal-*bulk buying*. F'dan l-istess settur ta' l-importazzjoni tal-frott frisk fejn baqa', kif ingħad, ma ntlaħaqx ftehim bejn il-kontendenti, id-Dipartiment tal-Kummerċ spiċċa biex impona sistema li ma kinitx tirrifletti l-*past performance* u kienet għal kuntrarju tittratta lill-importaturi kollha parteċipanti

fl-iskema b'mod ugwali. Il-fatt li l-parteċipanti kienu ġew mitluba biex jissottomettu dokument a sodisfazzjon tal-Gvern bi skop li tiġi stabbilita l-parteċipazzjoni tagħhom fl-iskema a bażi tal-*past performance* kellha tfisser li kien hemm rabta bejn il-parteċipanti nfushom u/jew bejn dawn u l-Gvern li l-*past performance* kellha tifforma l-bażi u l-kriterju tal-proporzjon tal-parteċipazzjoni tagħhom u wisq anqas li b'hekk biss ġie kkreat xi użu kummerċjali f'dan ir-rigward;

F'dan il-kuntest, hi importanti d-dikjarazzjoni tad-Direttur tal-Kummerċ li kkonferma li, filwaqt li bhala regola ġenerali l-Bordijiet li ġew imwaqqfin kienu rrakkomandati li l-persentaġġ ta' qligħ kellu jiġi kkalkolat fuq il-*past performance* li kienu għamlu l-importaturi fit-tliet snin preċedenti, il-Gvern xtaq li l-parteċipanti jaqblu bejniethom x'kellu jkun il-persentaġġ ta' qligħ;

"L-uniku każ fejn ma ftehmux hu l-każ tal-frott ... Billi d-Dipartiment ma riedx jimponi, kien ried li jtihom iċ-ċans li jifthiemu bejniethom x'kellu jkun il-persentaġġ tal-qligħ u billi s-sistema riedet tibda taħdem u l-frott, meta jibda jinġieb, jitqassam, intlaħaq ftehim li s-sistema tibda taħdem sakemm talbu parteċipazzjoni ta' kull wieħed ... Fil-każ ta' l-importazzjoni tal-frott bil-*bulk buying* l-importaturi ma setgħux jaqblu x'kien il-*past performance* ta' l-importazzjoni tal-frott";

Jirriżulta ukoll li ma ġewx prodotti *records* li kienu *reliable* biżżejjed u li fuqhom seta' jkun hemm ftehim;

Issa, hu ċar mill-atti u senjatament mis-siltiet tad-deposizzjoni ġustament iċċitati u rrilevati fis-sentenza appellata, illi fiż-żmien taht eżami mhux biss ftehim ma kienx hemm bejn l-importaturi, imma kien hemm kontestazzjoni tas-sistema użat fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' oġġetti ohra rregolati bil-*bulk*

*buying*. Il-kriterju tal-*past performance* kien meqjus mid-Dipartiment tal-Kummerċ bħala qis li bih setgħu jiġu ddeterminati l-persentaġġi ta' parteċipazzjoni ta' l-importaturi nteressati *u li bih setgħet* ukoll tiġi ddeterminata l-kwota ta' parteċipazzjoni fl-avanzi u fl-ispejjeż meħtieġa. Id-Dipartiment kien jippreferi li l-importaturi jiftehmu bejniethom u ġeneralment hekk seħħ. F'dan il-każ dan ma seħħx u eventwalment id-Dipartiment, kif ingħad, impona soluzzjoni li ma kinitx tieħu in konsiderazzjoni il-*past performance* u kulħadd ġie ttrattat ugwalment. Sakemm dan seħħ l-importaturi ddeċidew li jkomplu jimportaw *il-laring u l-banana mingħajr ma* kienu laħqu l-ebda ftehim, la bejniethom u lanqas mad-Dipartiment. Komplew jipparteċipaw fl-iskema ben sapendo li kien hemm *disgwid bejniethom* proprju fuq il-kwistjoni tal-persentaġġi u tal-*past performance*. Min għażel li jkompli jaħdem f'din is-sitwazzjoni fluwida mingħajr ebda rabta kontrattwali jew regolament impost mill-awtorità għamel hekk riskju tiegħu. Ċertament ma jistax f'sitwazzjoni ta' din ix-xorta jirreklama ġudizzjarjament l-applikazzjoni ta' sistema ta' parteċipazzjoni ta' profitt li kienet dik ikkontestata u li dwarha ma kienx hemm qbil. *Diffiċilment jista'* wieħed *allura* jikkontesta l-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti li, una volta ma kienet tirriżulta l-ebda relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti li minnha toħroġ l-obbligazzjoni illi n-negozju li għamlu bejniethom u li fih ipparteċipaw bil-mod kif qed jippretendi l-appellant *nomine*, kellu neċessarjament japplika l-prinċipju illi min daħal għal biċċa xogħol bi sħab kellu, salv prova kuntrarja jitqies *li kellu jipparteċipa* ndaqs u bl-istess mod bħal sħabu l-parteċipanti l-oħra. B'dan naturalment li qabel jinqasmu l-profitti kellhom jitħallsu l-ispejjeż tan-negozju fosthom *li jiġi kkumpensat kif jixraq min kien hadem fl-interess* tal-komunità. Dan hu l-eżerċizzju li ġustament għamlet l-Ewwel Qorti bl-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-dritt u *b'eżerċizzju* ekwitattiv *li jidher li finalment* sab il-kunsens tal-kontendenti l-oħra kollha ħlief għas-soċjetà appellanti.

Eżerċizzju ekwitattiv li ovvjament qatt ma jista' jissodisfa lil kulħadd imma li fl-aħħar mill-aħħar hu *inevitabbli una volta l-*kontendenti fosthom is-soċjetà appellanti għażlu, kif kellhom dritt, li jipparteċipaw jew li jħaddmu sistema ta' negozju bla ftehim minn qabel u mingħajr ebda regolamentazzjoni fir-rigward tar-responsabbilitajiet tagħhom u tar-ripartizzjoni tal-qligħ u t-telf. *Ir-raġunijiet għaliex għażlu li hekk jagħmlu jew* għaliex ġew imġiegħla li hekk jagħmlu jmorru lura fl-istorja imma huma għal kollox irrilevanti għall-meritu strettament ġuridiku ta' dan l-appell;

*Għal dawn il-motivi u għall-motivi espressi mill-Ewwel* Qorti, l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata. L-ispejjeż tal-Prim'Istanza jibqgħu kif ġà deċiżi mill-Ewwel Qorti u dawk ta' dan l-appell ikunu kollha a kariku ta' l-appellant *nomine*.